MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2893/1996/1

Socjeta` Macpherson Mediterranean Limited f'isimha proprju u bhala mandatarja tas-socjeta` estera AKZO NOBEL COATINGS (HOLDING) LIMITED skond prokura hawn annessa bhala dokument "A"
vs
Socjeta` "Conquest Limited" u l-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-4 ta' Ottubru, 1996 li permezz taghha s-socjeta` attrici proprio et nomine wara li ppremettiet illi s-socjeta` konvenuta "Conquest Limited" applikat mal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali ghar-registrazzjoni bhala trade mark tal-label "Cover Plus" (applikazzjoni trade mark numru 24524) ghal paints, varnishes, lacquers, preservatives against rust and against deterioration of wood, colourants, mordants, raw natural resins, metals in foil and powder form for painters, decorators, printers and artists" minnhom prodotti jew

spaccjati, liema talba giet, skond il-ligi, ppubblikata fost l-ohrajn fil-gazzetta “The Malta Independent” tal-5 ta’ Mejju, 1996, (Dok B); illi s-socjetajiet attrici formalment opponew ghal din it-talba b’ittra tal-14 ta’ Gunju, 1996 (Dok C); illi s-socjeta` konvenuta ma accettatx din l-opposizzjoni u bghatet ‘counter-objection’ lill-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali permezz ta’ ittra datata 29 ta’ Lulju, 1996 (Dok D); illi ghar-ragunijiet spjegati fl-ittra oppositorja taghhom u ghar-ragunijiet hawn taht esposti, is-socjetajiet attrici ghandhom ragunijiet validi fil-ligi biex jopponu t-talba ghar-registrazzjoni bhala trade mark tal-label fuq imsemmija; illi s-socjeta` estera AKZO Nobel Coatings (Holding) Limited diga timmanifattura u tispaccja internazzjonalment il-prodotti relattivi taht l-isem “Cover Plus”; illi in oltre t-trade mark “Cover Plus” huwa registrat l-Ingilterra f’isem is-socjeta` AKZO Nobel Coatings (Holding) Limited; illi s-socjeta` attrici Macpherson Mediterranean Limited qeghda fil-process li timporta din iz-zebgha lejn Malta; illi ghal din ir-raguni t-trade mark li s-socjeta` konvenuta applikat biex tirregistra hija gja uzata legalment minn ohrajn u ghalhekk ma tistax tigi registrata; illi b’effett mill-10 ta’ Mejju, 1996 is-socjeta` attrici AKZO Nobel Coatings (Holding) Limited irregistrat lokalment favur taghha t-trade mark “Cover Up” b’riferenza ghall-istess prodotti; illi s-socjeta` Macpherson Mediterranean Ltd, b’licenzja minghand is-socjeta` estera timmanifattura u tispaccja fis-suq lokali zebgha taht l-imsemmija trade mark “Cover Up”; illi inoltre r-registrazzjoni ta’ trade mark hija intiza sabiex jintgharfu minn ohrajn il-prodotti ta’ industrja jew l-oggetti tal-kummerc u kieku l-applikazzjoni tas-socjeta` konvenuta kellha tintlaqa’ dan ikollu l-effett oppost tal-iskop tar-registrazzjoni tat-trade marks u inoltre johloq konfuzjoni bejn iz-zewg marki; illi whud mid-diretturi u/jew azzjonisti tas-socjeta` konvenuta kienu sa ftit taz-zmien ilu jahdmu mas-socjeta` Macpherson Mediterranean Limited u kienu jafu li s-socjetajiet attrici kienu u ghadhom jimmanifatturaw u jispaccjaw l-prodotti relattivi taht t-trade mark “Cover Plus” fis-suq internazzjonali u “Cover Up” fis-suq lokali;

Dan premess is-socjetajiet attrici talbu:-

1. Li jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti li huma jew min minnhom ghandhom ragunijiet validi fil-ligi ghall-opposizzjoni taghhom ghat-talba tas-socjeta` konvenuta

ghar-ragunijiet fuq spjegati fir-rigward ta’ kull wahda mis-socjetajiet attrici, u
2. konsegwentement ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti tordna illi t-talba ghar-registrazzjoni tat-trade mark tas-socjeta` konvenuta fuq imsemmija ma tigix milqugha.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li rappresentanti taghhom huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta presentata fid-19 ta’ Gunju 1997 li permezz taghha eccepiet:-
1. Illi qabel xejn is-socjeta` attrici trid iggib prova illi ghandha registrazzjoni ta’ trademark fuq l-isem Cover Plus fl-Ingilterra, ghaliex minn stharrig illi ghamlet is-socjeta` konvenuta, din l-allegazzjoni hija infondata. Ghalhekk jigi nieqes l-element tal-uzu legali ta’ trade mark minn haddiehor.
2. Illi fit-tieni lok ma huwiex ammissibbli illi persuna tipprotegi trademark illi allgatament ghandha barra minn Malta, quddiem il-Qrati Maltin, ghaliex l-Artikolu 81 tal-Kap 29 irid jigi bilfors interpretat illi qed jirriferixxi ghal trademarks li qed juzaw persuni gewwa Malta.
3. Illi l-konvenuti jikkontestaw il-premessa tas-socjeta` attrici li din qeghda fil-process illi timporta prodott jismu Cover Plus gewwa Malta. Dan ilhom jghiduh minn Gunju tas-sena 1996, meta ghamlu l-ewwel oggezzjoni taghhom. Minn dakinhar l’hawn ma jirrizultax illi dan il-prodott gie importat f’Malta fuq bazi kummercjali.
4. Illi fir-rigward tar-registrazzjoni lokali tal-marka Cover Up, irid jinghad illi din il-marka tinsab registrata as *distinctively reproduced,* u cioe skond id-disinn preciz sottomess mal-applikazzjoni. Ghalhekk din il-marka ma hijiex protetta fis-sens li jirrigwarda l-uzu tal-kliem “Cover” u “Up”, minhabba li dawn huma kliem ta’ uzu komuni, kif fil-fatt huma wkoll il-kliem “Cover” u “Plus” fil-marka “Cover Plus”. Ghalhekk gialadarba il-marka “Cover Up” hija protetta *as distinctively reproduced* l-unika oggezzjoni li tista` ssir tkun tirrigwarda l-uzu ta’ kliem fonetikament

simili, kemm-il darba id-disinn li bih ikun prezentat dak il-kliem ikun jista' jitfixkel mad-disinn l-iehor.
5. Illi fl-ahhar lok il-kliem *Cover Plus* u *Cover Up* huma fonetikament distingwibbli bizzejjed illi ma joholqux konfuzjoni bejniethom.

Rat in-nota tas-27 ta' Gunju 1997 li permezz taghha l-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali eccepixxa:-
1. Illi huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti sakemm jirrizulta li t-talbiet attrici jew l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta jistghu jigu milqugha skond il-ligi.
2. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent m'ghandux ibati spejjes.
Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Mill-avviz pubblikat a tenur ta' l-Artikolu 87 tal-Industrial Property (Protection) Ordinance, Kap 29 tal-ligijiet ta' Malta, jirrizulta li fis-7 ta' Lulju, 1995 is-socjeta` konvenuta applikat mal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali ghar-registrazzjoni ta' Trade Mark konsistenti f' "label" bil-kliem "CoverPlus" fir-rigward ta' *"paints, varnishes, lacquers, preservatives against rust and against deterioration of wood, colourants, mordants and natural resins, metals in foil and powder form for painters, decorators, printers and artists".* (Dok B).

Fis-16 ta' Gunju, 1996 is-socjetajiet attrici, flimkien ma socjetajiet ohra li ma humiex parti f'dawn il-proceduri, kitbu lill-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali (Dok C) fejn talbuh li jirrifjuta li jirregistra l-marka imsemmija billi:
"*Akzo Nobel Coatings Plc, Akzo Nobel Coatings Ltd and their associated company Donald Macpherson & Co. Ltd produce and market paints under the name "Cover Plus" and that Macpherson Mediterranean Ltd. (their local licensees) are in the process of importing these paints into Malta. Moreover, "Cover Plus" is registered as a trade mark in the UK in the name of Akzo Nobel Coatings Ltd.*"

Inoltre gie sottomess illi:
"*from the day 10th May 1996, Akzo Nobel Coatings Ltd. registered the trade mark "Cover Up" in Malta in respect of the same class of goods. This trade mark and the trade mark in question will definitely cause confusion.*"

Is-socjeta` konvenuta resqet "counter statement" ghall-oggezzjoni tas-socjetajiet attrici billi ghamlet sottomissjonijiet dwar l-aspetti fattwali u legali tal-kaz u senjatament dwar il-portata tal-Artikoli 80 u 81 tal-Kap 29 tal-Ligijiet ta' Malta.

In segwitu gew istitwiti dawn il-proceduri fejn is-socjetajiet attrici qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li hemm ragunijiet validi ghall-opposizzjoni taghhom u b'hekk tordna li t-talba tas-socjeta` konvenuta kif fuq inghad, ma tigix milqugha.

Ikkunsidrat:

It-Trade Mark ossia l-isem, kliem, marka jew sinjal distintiv huwa dak il-mezz li tipprovdi l-ligi biex tipproteggi n-negozjant mill-konkorrenza sleali. Taht il-ligi nostrana din il-protezzjoni hija moghtija sew mill-Kodici tal-Kummerc (Kap 13) kif ukoll mil-ligijiet partikolari li jipprospettaw r-registrazzjoni ta' tali marka. L-Artikolu 32 tal-Kap 13 jiddisponi fir-rigward b'mod generali illi "*Il-kummercjanti ma jisghux jaghmlu uzu ta' ebda isem, marka jew sinjal distiniv li jistghu jgibu tahwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv iehor uzati skond il-ligi minn haddiehor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' haddierhor ma jkunux irregistrati skond l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta` Industrijali (illum l-Att sabiex jirregola t-Trademarks), lanqas ma jistghu jaghmlu uzu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistghu jqarrqu lil haddiehor fuq il-vera importanza tad-ditta.*" Kull kontravenzjoni ghall-protezzjoni kontemplata f'dan l-Artikolu taghti, skond l-Artikolu 37 tal-istess Ordinanza d-dritt tad-danni u imghaxijiet oltre d-dritt lill-kummercjant danneggat li jitlob li dak kollu li jkun sar kontra l-projibizzjoni imsemmija jigi meqrud.

Fit-23 ta' Gunju, 2000 dahal fis-sehh l-Att Nru.XVI maghruf bhala l-Att sabiex jirregola t-'Trademarks' li ssostitwixxa il-Parti III tal-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta` Industrijali biss huwa provdut f'dan l-Att li "*Applikazzjoni ghar-registrazzjoni ta' marka taht il-Ligi l-Qadima* (cioe` l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta` Industrijali, u kull ligi ohra jew regola li tkun tapplika ghal marki registrati ezistenti minnufih qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att) *li tkun pendenti mal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att ghandha tigi trattata taht il-Ligi l-Qadima ....*" (Art. 98).

Il-fatt li ta lok ghal din il-kawza gara qabel ma dahal fis-sehh l-Att Nru. XVI ta' l-2000 konsegwentement, skond l-Artikolu fuq citat tal-istess Att ghandhom japplikaw u jirregolaw il-materja l-provedimenti tal-Kap 29 inkwantu l-applikazzjoni kienet ghadha pendenti meta dahal fis-sehh l-imsemmi Att.

L-artikolu 80 tal-Kap 29 li jirregola it-Trade Marks jelenka r-rekwiziti mehtiega sabiex talba ghar-registrazzjoni ta' marka tigi milqugha u b'hekk il-proprjetarju ta' dik il-marka jkollu d-dritt esklussiv ghall-uzu taghha b'effett retroattiv ghad-data tal-applikazzjoni skond l-Artikolu 95 tal-istess Ordinanza. L-istess Ordinanza izda tipprovdi bhala prerekwizit ghall-akkoljiment ta' tali talba li "The marks and words .... must be different <u>from those already legally used by other persons."</u>

Ghalhekk naraw li l-protezzjoni moghtija lin-negozjant kemm taht il-Kodici tal-Kummerc kif ukoll in forza tal-Ordinanza dwar il-protezzjoni tal-Proprjeta Industrijali ghandha l-iskop ewlieni li tigi evitata il-konfuzjoni fis-suq bejn prodott u iehor b'mod li "the end user" u cioe` l-pubbliku in generali ma jigiex sgwidat u mqarraq dwar in-natura jew l-origini tal-prodott li jkun qed jakkwista.

Ikkunsidrat:

Is-socjetajiet attrici qed jipproponu din l-azzjoni ta' "Opposition to application for registration" taht l-Artikolu 88 tal-Kap 29 tal-Ligijiet ta' Malta fuq zewg premessi u cioe` li

fl-ewwel lok is-socjeta` Akzo Nobel Coatings (Holding) Limited “kienet registrat fl-Ingilterra t-trademark “Cover Plus” u fit-tieni lok li tali applikazzjoni, jekk tigi milqugha, tohloq konfuzzjoni f’Malta mat-trademark “Cover Up” registrata f’isem is-socjeta` estera. Dawn iz-zewg premessi jghatu lok ghall-konsiderazzjonijiet separati u distinti billi registrazzjoni prijuri ta’ privattiv jghati d-dritt esklussiv ghall-uzu tieghu lill-proprjetarju ta’ dak il-privattiv minghajr konsiderazzjonijiet ohra meta l-applikazzjoni l-gdida tkun fir-rigward ta' trademark identiku ghal dak gja registrat. Mentri meta t-trademark li jkun irregistrat ma jkunx identiku izda jixbah lil dak li jkun meritu tal-applikazzjoni li qed tigi oggezzjonata l-konsiderazzjonijiet li trid taghmel il-Qorti jirrigwardaw apprezzament tal-possibilita` li tali applikazzjoni tista’ tohloq konfuzzjoni mal-marka registrata.
Dan premess din il-Qorti qabel xejn tixtieq taghmel zewg osserazzjonijiet u cioe` li fl-ewwel lok, inkwantu l-azzjoni hija bazata fuq xi titolu derivanti minn registrazzjoni, ma jidhirx li s-socjeta` Macpherson Mediterranean Limited ghandha xi interess ‘personali’ fl-ezitu ta’ dawn il-proceduri billi mill-atti ma jirrizultax li din is-socjeta` ghandha xi registrazzjoni f’isimha ta’ trade mark li jista’ jaghtiha d-dritt ghall-opposizzjoni proposta fuq dawn il-parametri. Infatti fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu l-istess difensur tal-atturi josserva li hija s-socjeta` estera li tista’ tivvanta tali registrazzjonijiet. Inoltre dan jidher ukoll mid-dokument a fol. 66 u 67 fejn jirrizulta li Akzo Coatings Plc (li sussegwentement hadet l-isem ‘indikat’ fic-citazzjoni) hija registrata fl-Ingilterra bhala ‘joint proprietor’ ma’ Woolworths plc tat-Trademark 1558474 bil-kliem ‘Cover Plus’ ghar-rigward ta’ ‘Paints, primers etc.’ Jidher ukoll mid-dokument a fol. 72 li din l-istess socjeta` tirrizulta registrata mal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali (Malta) bhala l-proprjetarja tat-trademark numru 22669 konsistenti f’label bil-kliem “Cover Up”. L-interess tas-socjeta` Macpherson Mediterranean Ltd ghalhekk ma tirrizultax.

Osserazzjoni ohra li trid taghmel din il-Qorti hija li isem s-socjeta` estera huwa riprodott hazin fl-okkju tac-citazzjoni billi skond ic-certifikat rilaxxat mir-Registrar of Companies tal-Ingilterra fil-21 ta’ Jannar 1998 fol. 71, jirrizulta li s-

socjeta` estera interessata, b'effett mit-2 ta' Jannar 1996, kien jisimha Akzo Nobel Coatings (Holdings) Limited u mhux kif indikat fic-citazzjoni Akzo Nobel Coatings (Holding) Limited. Dan pero' jidher li huwa 'lapsus calami' u ta' importanza zghira li ma ghandux jeffettwa d-dibattitu presenti.

**Ir-registrazzjoni ta' Cover Plus fl-Ingilterra.**

Is-socjeta` attrici Akzo qed issostni li s-semplici fatt tar-registrazzjoni favur taghha fl-Ingilterra tat-trademark Cover Plus jghatiha d-dritt esklussiv ghall-uzu ta' dan il-privattiv fil-kamp internazzjonali b'mod li ghandha tintlaqa' l-opposizzjoni taghha f'dawn il-proceduri. F'dan ir-rigward qed jigi sottomess li l-Artikolu 81 tal-Kap 29 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi interpretat b'mod li jiffavorixxi din it-tezi attrici. Dan l-Artikolu li ghalih issir referenza espressa fil-"Letter of objection" (Dok C) jghid hekk: "The marks and words referred to in the last preceeding section (fejn huma elenkati l-partikolaritajiet essenzjali sabiex applikazzjoni tigi kunsidrata) must be different from those already legally used by other persons." Issa ma hemmx dubbju li s-socjeta` attrici Akzo hija 'the registered proprietor' fl-Ingilterra tat-trademark Cover Plus u dana b'effett mis-7 ta' Jannar 1994, kif konstatat mic-certifikati ta' registrazzjoni ezebiti liema registrazzjoni tipprecedi l-applikazzjoni maghmula hawn Malta mis-socjeta` konvenuta`. Dan il-fatt pero` jghati lis-socjeta` attrici d-dritt reklamat?

Fil-verita` waqt is-smigh tal-kawza s-socjeta' konvenuta, tramite rappresentant taghha, ippruvat tikkuntesta il-fatt tar-registrazzjoni billi gie presentat dokument tal-Patent Office tal-Ingilterra tat-3 ta' Ottubru, 1997, fejn kien jinghad li, minhabba opposizzjoni, it-trademark 1558474 ma kienetx ghadha registrata sa dik id-data. Dan l-argument izda huwa zbaljat billi, kif inhu risaput, kull registrazzjoni hija retroattiva ghad-data tal-applikazzjoni.

Is-socjeta` konvenuta ma taqbilx ma l-interpretazzjoni tal-Artikolu 81 tal-Kap 29 kif proposta mill-atturi u fil-'counter-statement' tad-29 ta' Lulju, 1996 indirizzat lill-Kontrollur

tal-Proprjeta` Industrijali qalet hekk: "3. When article 81 of Chapter 29 states that the trade mark (in respect of which there is an application or registration) must be different from those already legally used by others, the question arises: Used by others anywhere in the world, or used by others in Malta? It is submitted that the only objection to a tarde mark registration under Art. 81 has to be based on the fact or assertion that such trade mark is already being legally used by others in Malta.
4. The reasons for this submission are the following:
i. How is the Comproller to know if a trade mark being used outside Malta is being legally used? The Comptroller is only competent to decide this issue in terms of Maltese Law, and certainly not in terms of foreign legislation.
ii. It is very easy for the opposing party to say that he intends to import the product into Malta. How is the Comproller to know when he intends to do this? What if the opposing party just enters the opposition, and then fails to import the product into Malta at all? By so doing, he would be blocking the registration of a trade mark in respect of a product which exists on the Maltese market in order to protect the name of a product which does not feature in Malta at all. This cannot be the intention of the law. On this point reference is made to the judgement of the Court of Appeal in the case "Dr. Pio Valletta nomine vs Joseph Tanti" decided on the 11th March, 1992."

Mill-provi akkwiziti jirrizulta li fil-verita` s-socjeta` konvenuta qatt ma immanifatturat hawn Malta prodott bl-isem "Cover Plus". (Ara f'dan ir-rigward ix-xhieda ta' Rita Gatt Suban a fol. 88 et seq. tal-process. Din mistoqsija mid-difensur taghha espressament "Inthom 'Cover Plus' meta bdejtu timmanifatturawh?" irrispondiet b'mod skjet hekk: "Fil-fatt qatt ma mmanifatturajna 'Cover Plus', qatt ma pprintjajna 'label' u mhux prodott jigifieri li qatt ghamilnih mindu rregistrajna l-kumpanija." Minn din l-istqarrija jidher li dak li gie allegat fil-'Counter-statement' dwar dan il-prodott fis-suq lokali mhux korrett. B'dana kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-interpretazzjoni tas-socjeta` konvenuta ghall-Artikolu 81 tal-Kap 29 hija dik korretta. Dan qed jinghad billi l-Artikolu 97 tal-istess Kap

jiddisponi li "The provisions contained in section 70 for the protection of designs or models of manufacture registered abroad shall apply to trade marks." Is-subinciz (1) ta' l-Artikolu 70 jghid hekk: *"Any person who has applied for protection for a design or model of manufacture in any country with which Malta has made an arrangement for mutual protection of designs or models of manufacture, shall be entitled to registration of his design or model under this Ordinance in priority to other applicants; and such registration shall have the same date as the date of application made in the country concerned."* Dan l-Artikolu jghati drittijiet lill-proprjetarju ta' privattiv registrat barra minn Malta biss u kemm-il darba dak it-trade mark jigi wkoll registrat hawn Malta u l-applikazzjoni issir fi zmien erba' xhur mid-data tal-applikazzjoni fil-pajjiz esteru ma liema Malta jkollha arrangament. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-atturi applikaw ghar-registrazzjoni hawn Malta tat-Trade Mark registrata fir-Renju Unit. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkondividi s-sottomissjoni tas-socjeta` attrici fis-sens li gialadarba hemm registrazzjoni estera din 'tibblokka' kull applikazzjoni hawn Malta. Kieku l-legislatur ried hekk, kif effettivament ghamel fl-Att XVI ta' l-2000, ma kienx jkun hemm il-htiega ta' l-Artikolu 70 citat u l-ligi kienet tipprovdi espressament fir-rigward.

Is-socjetajiet attrici lanqas ma jistghu jivvantaw xi dritt a tenur ta' l-Artikolu 32 tal-Kodici Civili, billi ma jirrizultax li l-prodott bl-isem Cover Plus qatt gie importat hawn Malta jew imqieghed fuq is-suq lokali. Ghalhekk ma jista` qatt jkun hemm konfuzzjoni bejn dawn iz-zewg prodotti.

**Ir-registrazzjoni tat-tade mark Cover Up f'Malta.**

It-tieni sottomissjoni tas-socjeta` attrici hija fis-sens li l-applikazzjoni tas-socjeta` konvenuta ghar-registrazzjoni tat-trade mark Cover Plus ghandha tigi michuda nkwantu din tohloq konfuzjoni bejn iz-zewg prodotti.

Din il-Qorti hawn ukoll issib li r-raguni moghtija mis-socjeta` attrici mhux accettabbli ghas-segwenti ragunijiet:-

a) Fl-ewwel lok jigi rilevat, kif gja inghad fuq, li l-prodott Cover Plus qatt ma gie importat lejn Malta u qatt ma inghatat, matul il-kawza, xi indikazzjoni li dan il-prodott kien ser jigi spaccat fuq is-suq lokali. Minn dan il-lat biss din il-Qorti ma tara ebda possibilita` ta' konfuzzjoni ghax biex jkun hemm tali possibilita` jrid javvera ruhu r-rekwizit imsemmi fl-Artikolu 81 tal-Kap 29 u fl-Artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc u cioe li l-marka l-gdida tkun tista' tithawwad ma marka ohra uzata skond il-ligi minn haddiehor. Eventwalita` din li ma tirrizultax fl-atti.
b) Fit-tieni lok skond ma jinghad fic-certifikat ta' registrazzjoni tal-label "Cover Up" (Dok JS3 fol 72) "The label is registered as a whole with no right to the exclusive use of the words "Cover Up" and "Water Paint". Dan ghaliex il-kliem in kwistjoni ma jikkwalifikawx bhala "words not in common use" u bhala tali hadd ma jista' jakkapparra ghalieh d-dritt esklusiv ghall-uzu taghhom.
c) Finalment din il-Qorti ma tara ebda sumiljanza bejn t-trade mark registrata mis-socjeta` attrici u dik soggett tal-applikazzjoni. Jigi osservat li l-kelma "Cover" hija deskrittiva tan-natura ta' zebgha billi huwa generalment rikonoxxut li l-iskop ewlieni ta' zebgha huwa li jghatti hajt jew oggett u cioe` "to cover". Ghalkemm l-uzu tal-kliem "Plus" u "Up" mal-kelma "Cover" jista' johloq f'mohh il-konsumatur xi sens ta' tfixkil dwar li skop finali tal-prodott ma jidhirx li dawn il-kliem huma fonetikament simili b'mod li jistghu jhawdu lill-konsumatur.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------